MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 208/2009

**M. Demajo (Graphic Arts) Ltd**

**Vs**

**Vogue Labels Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-hamsa (5) ta’ Gunju 2009, permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ disat elef u erba’ mija u hdax-il euro u sebgha u hamsin euro centesmi (€9,411.57) ) liema somma tirrapprezenta ammont minnha dovut in konnessjoni ma *printing supllies* mibjugha w ikkonsenjata minnha lis-socjeta konvenuta, kif jidher mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok. A.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentati kontestwalment ma dan ir-rikors u bl-imghax legali kontra l-istess socjeta konvenuta mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bir-rikors in kwistjoni permezz ta' riferti posittivi tal-Marixxal Raymond Falzon datati disgha w ghoxrin (29) t'Ottubru 2009 a fol. 8 tergo, permezz t'affissjoni fl-ghassa tal-pulizija ta' Hal Qormi u fil-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi u permezz ta' riferta negattiva fl-indirizz moghti tal-konvenut ukoll bid-data tad-disgha w ghoxrin (29) t'Ottubru 2009 ghalkemm din l-ahhar notifika hija negattiva.

Rat illi s-socjeta konvenuta giet ukoll notifikata permezz ta estratt li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-tletin (30) t' Ottubru 2009 a fol. 10 tal-atti kif ukoll permezz t'estratt li deher fil-gazzetta lokali 'l-Orizzont' datat ghoxrin (20) ta' Novembru 2009, (Dok. A) .

Illi fis-seduta tas-sebghaq w ghoxrin (27) ta' Novembru 2009 is-socjeta attrici pprezentat Kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Novembru 2009 is-socjeta konvenuta giet imsejjha diversi drabi izda baqghet ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat it-talba attrici hija gustifikata u d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta attrici timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disat elef u erba' mija u hdax-il euro u sebgha u hamsin euro centesmi (€9,411.57) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------